# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU

**Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.**

*Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

**40.** **5 ta' GUNJU 1909.** **L-EUUEL SENA**

FTEHIM.

**Ħadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafnix, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux igedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Cull imsieħeb, li jcun ħallas, jista jistaksini cull xorta ta' mistoksija basta li tcun serja, onesta u meħtieġa u jiena nŭieġbu. In-nies ta'd-dar ta'l imsieħeb icollhom id-dritt jagħmlu il mistoksijiet ucoll. Cull min igib għaxar imsieħbin ġodda, natieħ tiegħu, għal sena, b-xejn. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn iħallsu, barra minn dan, il posta ucoll, Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sitt xhur b'xejn; min isieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand il Fotografu VELLA u għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, it-tnejn fi Strada Rjali ta'l Belt fejn jista jsir il ħlas ta'l gazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo, fejn isir ucoll cull ftehim fuk l-avvisi ecc. ecc.**

*

# Il-Laħam b'il Ħabb.

Fl-1904 għaddiet il-Tielet Ordinanza Sanitarja u fl-1906 giet imseŭŭija bl-Ordinanza numru sitta, meta il Cunsilieri tagħna ma chienux f'il Cunsill, u fihom intkal li ħadd ma jista jbiħ, ikiegħed jeŭ iżomm għal bejħ laħam jeŭ xaħam ta'ċ-ċanga jeŭ ta'l majjal meta jcunu mimsusa imkar ħafif b'il ħabb; jecc ma jcunux għalleŭħ għal żmien tŭil f'il biċċerija taħt għajnejn it-Tabib-Veterinarju ta'l Gvern jeŭ jecc ma jcunux żammeŭħ minn għoxrin sa erbgħin ġurnata f'is-silġ f'congelatorju maħtur m'il Gvern.

Dina chif cullħadd jista jara hi ligi kalila ħafna bla ebda bżonn għaliex il ħabb ma jista jagħmel l-ebda ħsara cbira f'il gisem ħlief biss li f'xi uħud jista jnissel il vermi-solitarju, ħaġa li bi ftit cura titneħħa malajr. Issa li għal ħsara hecc żgħira tinħolok ligi hecc kalila li kiegħda tirvina ħafna nies u li imħabba f'ix-xjopru li sar tellfet lil Caxxa ta' Malta **elf u mitt lira sterlina**, hi ħaġa li xi imħuħ m'il cbar li għandu ma dŭaru il Gvern tagħna katt ma chellhom joħolmu biha.

U dana il periclu ta'd-duda jitneħħa malajr ucoll. Il għorrief collha jgħidulna li malli jħoss ftit sħana seŭŭa il ħabb imut u li hu b'iż-żejjed tixŭi jeŭ issajjar b'mod ieħor il laħam biex jecc icun miżgħud b'il ħabb ma jagħmel l-ebda ħsara f'il gisem. U min hu dac li jiecol il laħam nej? Mela meta il-laħam b'il ħabb jissajjar chif soltu insajjruh aħna ma hemm l-ebda ħtieġa li jsiru ligijiet kliel biex jirvinaŭ in-nies u biex l-irvina ta' daŭna taka collha fuk il poplu. U jecc xi ħadd ifettillu jiecol il-laħam nej icun jista jagħmlu ucoll billi jictbu fuku meta jcun għal bejħ li hu b'il ħabb u għalhecc hemm bżonn li jissajjar. U min hu dan l-ibleħ li meta jixtri laħam b'il ħabb ma jgħallieħx jeŭ ma jsajrux biex jimrad b'id-duda? Mela ligijiet kliel u ħorox ma hemmx bżonn f'il pajjis għaliex cullħadd jibża għal saħħtu u meta ŭieħed icollu immarcat liema hu il-laħam b'il ħabb hu b'iż-żejjed biex tcun imħarsa u ma hemmx bżonn li jokogħdu joħolmu ligijiet chiefra li jirvinaŭ in-nies bi ħsara cbira ta'l poplu li hu b'iż-żejjed maħkur u magħcus.

Chiecu dic il-Ligi ħarxa u bla bżonn ma ħolmux biha u għaddeŭha meta il Cunsilieri ma chienux f'il Cunsill il Caxxa ta' Malta, magħcusa chif inhi ma chienetx iġġarrab il fasda cherha ta' **elf u mitt lira** li intilfu minn fuk il-laħam li xtara il Gvern u billi min tgħabba b'dina il biċċa ta'l laħam ma ħaddem xejn rasu seŭŭa għaliex chiecu mexa chif chellu jimxi il Caxxa ma chienitx tmur minn taħt chif marret.

It-Tabib Indrì Pullicin, patriott sincier, ŭieħed minn daŭc il ftit li tgħabbeŭ b'il politica għal gid ta'l poplu u m'hux tagħhom biss, u li dejjem ħabrec m'il aħjar li sata biex jakbeż għa'd-drittijiet ta' dana il pajjis magħcus, kal f'il Cunsill meta il Cunsilieri kamu fuk l-**elf u mitt lira** li intilfu, li hu ma satax jieħodha contra il Gvern għax fittex gieb il-laħam biex ma ħalliex il pajjis minngħajru u għalhecc ma satax ma jivvotax l-ispisa li saret, biss collha gejja m'il ħolkien ta'l-Ligi Sanitarja contra il-laħam b'il ħabb, u kal li dina ma hemmx bżonnha u li hu b'iż-żejjed li is-Sanità turi lil poplu liema hu il-laħam b'il ħabb. Kal ucoll li il ħabb jidħol fl-imsaren m'hux biss ma'l-laħam iżda ucoll ma'l ilma ta'x-xorb u ma xi ħxejjex li jittieclu nejja, u għalhecc isiru chemm isiru ligijiet ħorox fuk il-laħam b'il ħabb id-duda tibka titnissel f'imsaren in-nies l-istess. U għalhecc talab li tisseŭŭa dic il-Ligi. Kal ucoll li il-laħam b'il ħabb hu aħjar m'il ieħor billi il ħabb ifittex l-aħjar laħam li jsib; u chiecu dana jcun jista jinbiħ immarcat il poplu baxx icun jista jsostni ruħu b'il laħam u bi rħis bla ebda ħsara billi jcun avżat li għandu jgħallih u b'hecc, kal, chien isir gid ieħor f'il pajjis billi chienu xi nies jatu ruħhom għat-trobbija ta'l barrin u ta'l kżiekeż, ħaġa

li illum cullħadd jibża minnha billi jaf chif inhi il Ligi; u jsir gid cbir ħafna lil pajjis għaliex meta il biċċiera ma jcollhomx it-telf cbir li għandhom issa b'il-laħam b'il ħabb li jarmulhom iraħħsu il-laħam u b'hecc jitrejjak cullħadd.

U jiena nakbel chelma b'chelma ma't-Tabib Pullicino għaliex ma satax jitħaddet aħjar biex juri chemm jaħsbu kasir xi impiegati ta'l Gvern u li imħabba f'il-ligijiet li joħolmu bihom bla bżonn ibatu ħafna nies u magħhom il poplu collu għaliex chiecu il poplu jista jiecol il-laħam bi prezz ŭisk actar baxx.

L-Avucat Bonnici faħħar il Gvern għaliex keda malajr lil poplu b'il-laħam u f'dan ħadd ma jista jmerieh. Dac li chien imissu jċanfar lil Gvern hu dan: li għaddeŭ ligi ħarxa bla bżonn meta il Cunsilieri ta'l poplu ma chienux f'il Cunsill u li il Gvern kabbad nies biex jixtru dana il-laħam li m'it-telfa li bakgħet jidher ċar li ma chienux ta'l partita b'iż-żejjed. U fuk daŭn iż-żeŭġ ħŭejjeġ l-Avucat Bonnici ma jfaħħarx il Gvern sgur.

L-Avucat u Marchis Mattei kal, u b'ir-raġun, li it-telf li baka f'il-laħam juri li il Gvern tagħna ma hemmx minn jaf imixxi b'iż-żejjed tajjeb l-affarijiet ta l pajjis, billi it-telfa ma chienitx żgħira iżda ta't-terz ta's-somma li intefket u li imħabba f'daŭc li mexxeŭ ħażin dina il praspura sejjer iħallas il kantar il poplu billi jinfasad f'il Caxxa ġa bla demm li għandu.

Is-Sur Cicc Azzopardi P.L. kal li hu jakbel ma't-Tabib Pullicin. li dic il-Ligi chellha bżonn tisseŭŭa għaliex imħabba fiha il poplu chien kiegħed jixtri b'il għali ħafna il-laħam u li min chien intrigat m'il biċċa ma chellux jitgħabba b'ħafna laħam iżjed minn dac li chien hemm bżonn biex imbagħad imbieh bit-telf.

Is-Segretarju ried jiddefendi l-għamil ta'l Gvern billi kal li la hemm il-Ligi għandha tcun irrispettata u f'dan għandu raġun; biss żelak meta kal li dic il-Ligi għaddiet b'il vot ta'l Cunsilieri ta'l poplu, billi dan m'hux minnu għaliex meta għaddiet dic il-Ligi il Cunsilieri ma chienux f'il Cunsill bħal ma kam u kallu tajjeb ħafna l'Onor: Pullicino u li sejjaħ lil dic il-Ligi « inutile » (bla bżonn) u « gravosa » (li tiggrava).

Kam imbagħad is-Supraintendent ta's-Sanità u kal li għad li jaf li b'togħlija ta' 40 grad il ħabb imut iżda hu jħoss li dic il-Ligi għandha tibka.

It-Tabib Pullicin kam m'il ġdid u kal, b'ir-raġun collu, li la darba il ħabb imut bi sħana baxxa ta' 40 grad ma jistax jifhem għala f'il Ligi hemm li it-togħlija għandha tcun "prolungata" (għal żmien tŭil); u għalhecc kal li dic il-Ligi jridu jżommuha biex daŭc li jħobbu il-laħam chemm chemm jakta id-demm (l-Ingliżi fhimt jien) icunu jistgħu jieclu għal kalbhom. Iżda daŭna jistgħu jiccuntentaŭhom billi jixtru il-laħam ta' bla ħabb; u daŭc li jħobbu il-laħam imsajjar seŭŭa jcunu jistgħu jieclu il-laħam l-ieħor bi prezz rħis u m'hux ibatu imħabba fl-oħrajn.

U kal b'ir-raġun ucoll li imħabba f'daŭc il ftit li jħobbu jieclu il-laħam chemm chemm jakta id-demm, il pajjis ma għandux jintgħafas b'Ligi « inutile » u « gravosa » u li biex ipaxxu lil daŭna il pajjis ġarrab it-telfa ta' **elf u mitt lira** m'il Caxxa tiegħu. Mela nifhem bħalu, li dina il Ligi *"come stà e contro gl'interessi economici del paese"* u iġgiegħel lil biċċiera li joktlu b'il moħbi u li jħassru il boll b'dannu ta' ħafna familji u b'dannu ta'l poplu għaliex il-laħam b'il ħabb jimxi bla ma jintebħu dejjem. Li ħadu sball fl-eŭŭel Ordinanza intebħu u seŭŭeŭ xi ħaga, iżda chif inhi imseŭŭija għadha « inutile » e « gravosa » u jecc il Gvern irid tasseŭ il gid ta'l pajjis u ma jridx li jibkgħu jitberbku flus għal l-erŭieħ hemm bżonn li jseŭŭiha m'il actar fis chif kal l-Onor: Pullicino u xi oħrajn.

Mela jecc icun jista jinbieh il-laħam b'il ħabb, billi jcun immarcat, ma issir l-ebda ħsara f'is-saħħa; l-Ingliżi jixtru m'il qŭalità bla ħabb u jieclu għal kalbhom, min icun irid jagħmlu brodu, jaklieh jeŭ jixŭieh jista jixtri m'il ieħor bi rħis, il biċċiera meta ma jcollhomx telf cbir iraħħsu il-laħam, ma jsirx għaŭġ, ma jirvina ħadd u anzi igaŭdi cullħadd.

Nitma għalhecc li il Gvern jintebaħ li m'hux cull ma jagħmlu u jgħidulu l-Impiegati tiegħu jcun dejjem seŭŭa u għalhecc ifittex li jseŭŭi dic il-Ligi m'il actar fis li jista.

L-eŭŭel ir-risk ta'l poplu malti għaliex hemm flusu f'innofs u imbagħad dac li jħobbu l-Ingliżi.

# FRAĊ.

Nifraħ b'il kalb l'it-Tenent W. R. Gatt ta'l Artillerija Maltija talli gie maħtur Cavalier ta'l Ordni Gerosolmitan m'il Gran Mastru li hemm issa il Princep Thun Hohenstein.

★

F'Ta's-Sliema, ftit ilu, Anton Calleja, żagħżuħ ta' tmintax il sena, x'ħin chien kiegħed jagħmel il ginnastica, ŭaka, chiser is-sinsla ta' daħru u miet fost ugiegħ l-actar cbir. Hu veru li dina l-imbierca ginnastica, li daħlet moda cullimchien, hi ħaġa tajba għa's-saħħa iżda hemm bżonn li jgeŭŭsu fiha ftit għaliex iż-żejjed hu dejjem imbidded u f'loc gid jagħmel deni u jisfratta it-tfal m'il istudju.

★

Irrid nifraħ b'kalbi collha lill għaref Professur u Magistrat G.B. Mifsud L.L.D. billi laħak Imħallef f'loc il mejjet Imħallef Chappelle· Il Gvern ma satax jagħmel għażla aħjar billi il Prof: Mifsud m'hux biss hu imżejjen b'intelligenza u bi studju cbar, u l-actar f'il criminal, iżda hu ħabriechi u ħafif u dana jisŭa ŭisk biex ma jgebbidx il caŭsi eternità sħiħa, u fuk collox għandu don ta' min igħożżu ħafna ucoll, l-indipendenza u li għalhecc itina x'nitimgħu li m'hux biss sejjer jakdi xogħlu seŭŭa u b'il ħeffa iżda b'il ħakk ucoll. Il Prof. Mifsud hu fergħa b'saħħitha ta' siġra sabiħa. Missieru chien Imħallef ucoll, oħtu miżżeŭġa l-Imħallef ġaŭhra Pullicin, ħuħ hu il għaref Bibliotecarju Mons: Mifsud, ħuħ ieħor Magistrat, ieħor it-Tabib ta' Birchircara u il fuk hemm ħafna oħrajn li ħakkhom cull tifħir. Biss ma nafx min irid jimla il beraħ li sejjer iħalli f'il Krati t'Isfel billi ma nafx min irid jidħol f'locu għal caŭżi ta's-Sanità billi dina il Ligi chien jafha fuk ponot subgħajh. Jalla jġhix ħajja tŭila ħalli igaŭdi dina il posizzjoni għolja li laħak b'ħiltu u b'il ħidma bla mistrieħ tiegħu.

★

Nhar il Ħadd in-Naxxar sejra issir il Festa ta'd-Dutrina u il banda "La Pace" ta'l istess raħal sejra id-dokk zeŭġ programmi sbiħ; u sejra iżżanżan l-uniformi il ġdida maħduma minn Mabbli Debono ta' hemm stess.

★

F'għeluk l-eŭŭel sena li infetaħ il "Juventutis Domus" li bena is-Sur Fons Galea f'Ta's-Sliema saret fl-istess festa sabiħa ħafna u li marru għaliha l-aħjar nies. Il Bravu Professur Bartoli, dic il ġaŭhra li għaraf chiseb is-Surmast Flores, għa-

mel b'dac it-taljan safi li rada ma ħalib ommu taħdita sabiħa ŭisk u li min fehimha tgħaxxak biha tasseŭ. Taħdita oħra li intgħoġbot għamel iż-żagħżuħ student G. Pace, li kiegħed jofsok sabiħ ħafna u li kiegħed inisslilna it-tama kaŭŭija li għad jimxi il kuddiem ħafna billi m'hux biss hu intelligenti iżda ħabriechi ħafna ucoll. L-orchestra dakket tajjeb ŭisk u is-Sur Facenda ta gost lil cullħadd għaliex jaf jirrecita tasseŭ. L-oħrajn intgħoġbu ucoll u nista ngħid li ma mar ħadd ħażin. L-Iskof, li chien hemm tchellem tajjeb ħafna ucoll u ħa gost tasseŭ u xtak, bħal ma nixtieku aħna ucoll, cull gid u risk għal dac l-Istitut li kiegħed jagħmel gid bla tarf l'iż-żgħażaħ ta Ta's-Sliema collha.

★

Merħba b'is-sur Tagliaferro li gie kaŭŭi u sħiħ m'il Cajr fejn mar ħa sehem f'il Congress u fejn għamel discors sabiħ ħafna fuk l-antichitajjiet ta' Malta. B'hecc ŭera li lil Maltin f'cull ma tfittixhom issibhom.

★

Billi xi imsieħbin meta ir-ragel imur għal ħlas ta'n-"Naħla" igibulu l-iscuża li ma jridux iħallsu għaliex jonkoshom xi numri li xi dakkiet icunu ta' ħafna xhur kabel, sejjer ingħarraf lil l-imsieħbin li meta ma jircievux in-"Naħla" javżaŭni *fi tmien t-ijiem* żmien inchella ma jcollhom l-ebda dritt li jitolbuh. Mela min jonksuh xi numri jitchellem.

★

Nirringrazzja l'is-Sur Fons Galea ta'l ctieb ta'l Mogħdija ta'ż-Żmien No. 85 li bagħatli imsejjaħ *"Id-Draŭŭiet ta'l Maltin"* mictub m'il Sac: Farrugia, Cappillan ta'l Manicomju. Ix-xogħol hu sabiħ biss f'bosta ħŭejjeġ ma hux eżatt; u jien jidhirli li min jicteb ħŭejjeġ li jridu jibkgħu bħalha Storja għandu jfittex ir-rekka collha f'dac li jgħid. Jecc icolli iż-żmien ingħidlu b'il mod fejn huma. Nixtiek ucoll li f'daŭna il cotba tant meħtieġa u tant imxerrda il chittieba jrekkŭ ftit actar fl-ortografija u li is-Sur Fons igibilhom l-ŭ (b'il cappell) li giet milkugħa b'il ferħa m'il aħjar chittieba ta'l malti. Is-Sur Galea b'dina il ġabra kiegħed jagħmel gid bla tarf u għalhecc ħakku cull tifħir.

★

Il Calcara illum saret, tista tgħid, belt żgħira u għalhecc nistagħġeb chif il Gvern għadu ma ħasibx biex iŭakkaf scola għa't-tfal ta' dac is-sobborg. Tant f'is-sajf chemm ucoll f'ix-xitŭa jgibulec ħniena tarahom sejrin jeŭ gejjin f'dic ix-xemx li takli il ftajjar jeŭ f'xita kalila biex jitgħallmu xi ħaġa fl-iscola ta'l Birgu li taħbat ħafna f'il bogħod. Ħafna familji kiegħdin itellgħu l-uliedhom bla scola billi ma jridux l-uliedhom jokogħdu jiġġerreŭ f'ix-xemx jeŭ f'ix-xita u dana ma hux seŭŭa. Haŭn bosta ir-ħula f'Malta u f'Għaŭdex li ma jagħmlux nies daks il Calcara u frattant għandhom l-iscola tagħhom. Mela għala ma għandux icollha il Calcara ucoll l'iscola tagħha li illum tlaħħak fuk l-elfejn ruħ? Chiecu daŭc il flus li intefku f'dic l-iscola gŭappa ta' Ta's-Sliema iġgeŭŭsu ftit chienet tista issir f'il ŭisa scola il Calcara; ma ngħidx sabiħa u cbira bħal daŭc ta'ż- Żejtun jeŭ ta' Ħa'ż-Żabbar iżda li tista tilka seŭŭa it-tfal ta'l Calcara li missierijiethom iħallsu it-taxxi bħal ħaddieħor.

Nitma immela li dina ix-xeŭka cbira u dana il bżonn ta'n-nies ta'l Calcara jasal f'ŭidnejn xi ŭieħed m'il Cunsilieri u li dana jagħmel talba f'il Cunsill ħalli ma indumux ma naraŭ chif jixrak, tielgħa l-iscola ta'l Calcara.

# AĦBARIJIET TA' BARRA.

**Lig Jusu'** in-neputi ta' Menelik u li għad jilħak ŭarajh Sultan ta'l Abbissinja iżżeŭŭeġ ma' Romania, neputija ta'l Imperatrici Taitu. Il għarus għandu tlittax il sena u hi sebgħa!

**It-Times** igħarrafna li il Cżar u il Cżarina ta' Russija ma jdumux ma jagħmlu vjaġġ f'il Mediterran u li għalhecc actarx naraŭhom Malta.

**F'Bukarest** miet da'l ġraneż certu Xmun Magiler ta' mija u disgħa u għoxrin sena! Dana kabel ma miet kal li mitt sena ilu chien katel lil għarusa tiegħu b'id-dakkiet ta' mannara u ħarak il cadavru bla ħadd ma induna. Id-dnub ma jorkodx!

**Il Halliel Allaire** fl-aħħar chixef il borma ta'l ktil ta'l pittur Steinheil li ilhom tant ifittxu min chien katlu. Dana kal li il ktil għamlu Anġlu Tardivez ma' mara, Rouvine, u tnejn oħra.

**Fl-Argentina** hemm il gid tasseŭ u hu ŭieħed m'il pajjisi fejn ŭieħed għandu jitħajjar imur jecc jixtiek ifittex xortieh barra minn pajjisu; il clima hu tajjeb ħafna ucoll. Is-sena l-oħra daħlu fuk il 170,000 emigrant u collha saddu hemm. Dana jfisser li jaħbtilhom u li hemm għal fejn.

**F'Parigi** u fi bliet oħra ta' Franza raġa tkankal ix-xjopru ta'l impiegati ta'l Posta u ta't-Telegrafi iżda ma ixxerridx b'dic il kaŭŭa li chienu jaħsbu. Daŭna taŭha għa's-*sabotage* igifieri li jagħmlu ħsara għal vendicazzjoni biex ibeżżgħu jeŭ jincu.

## AVVIS.

**Il Bord tal Istitut ta'l-Arti u's-Snajja 'VINCENZO BUGEJA,' msejjah biex imexxi il-Legat ta'l-Arti u's-Snajja, iddecida illi jibda it-tagħlim tas-Snajja u jiftah għal issa il Corsijiet li gejja:—**

**a) Disinn, lineari u geometricu, bl'applicazionijet tiegħu.**
**b) Pittura decorativa, bl applicazzionijet taħħa.**
**c) Scultura Decorattiva, bl'applicazzionijet taħħa.**
**d) Tgħakkid u xogħol tal injam.**
**e) Tghakkid u xoghol tal hadid.**
**f) It-tifsil tal hajjata.**
**g) Aritmetica bin-numri u'l hzuz giodda, dauc li igħidulhom "Grafica Statica" fis-sengha tal Bini.**

**Il Bord izomm id-dritt li inakkas minn dawn il Corsijet li semmejna jew jzid ohrajn scond il bzonn.**

**Ghalhecc cull min icun irid jidhol f'xi Cors minn dawn li għedna jew xi iehor li ma semmejniex, għandu f'zmien xaghrejn mid-data ta dan l-avvis, jibghat ricors lis-Segretariu hawn taht msemmi, li ghandu is-setgha li jircievih.**

**Cull min iirricorri irid icun mitwieled f'dawn il Gzejjer, u ma iridx icollu inkas minn tnax il sena. u ghandu jibghat il fidi tal maghmudija u certificati tal condotta, u ighid ucoll b'il mictub f'liema minn dawn il Corsijet icun irid jidhol.**

**Il Bord mbaghad jistieden dawc collha li icunu iridu ighallmu xi wiehed jew iżjed mis-suggetti li għedna, jew suggett iehor ta Arti u ta Snajja, li ma semmejniex, biex jictbu lis-Segretarju tal Bord, u minn għandu jistghu ucoll icunu jafu cull ma jinhtieg fuk dac li jcunu chitbulu.**

**Mill Ufficiu tal Istitut tal-Arti u's-Snajja "VINCENZO BUGEJA"**
**151, Sda. Cristoforo, il Belt.**
**fid-29 ta Mejju, 1909.**

**ALFONSO M. MICALLEF**
**Membru u Segretariu.**

# Ġ'ŪANNA D'ARC

### CHIF GHAMLUHA KADDISA.

L-eūūel darba li insibu imsemmi li bdeū jagħmlu il kaddisin hu f'it-Testment il Kadim u seūūa seū f'il ctieb ta'l Ecclesjasticu. Fl-eūūel secoli ta'l Cnisja bdeū igħoddu b'kaddisin lil daūc il martri collha li ċarċru demmhom għa't-tūemmin nisrani, u fuk l-okbra tagħhom bdeū jinbneū l-altari biex isir il kuddies fukhom. F'dac iż-żmien dina biss chienet it-turija li ūieħed il Cnisja b'diet tgħoddu b'kaddis; u billi ismu chien jigi mictub fuk dipticu (romblu) li chienu jsejħulu "canone," u minn hemm giet il chelma "canonizzazjoni." S. Ciprian, il għaref Iskof ta' Cartaġni, chien l-eūūel ūieħed li ħalak ir-regola biex icunu jafu lil min għandhom igħoddu b'kaddis u biex im bagħad ismu jigi imgħoddi m'il Cunsill ta'l Iskfijiet.

Sa'r-raba seclu il martri biss chienu jiġu magħduda bħalha kaddisin. Min dana iż-żmien il fuk bdeū igħoddu nies oħra ta' għamil tajjeb iżda m'hux martri; biss daūna ma tnizżlux f'il għadd ta'l kaddisin ħlief f'is-sena 608 fi żmien il Papa Bonifaċju Erbgħa u dejjem b'is-sensja ta's-sinodu ta'l Iskfijiet. Il Papa zamm is-setgħa li jista jgħodd il kaddisin hu biss bħal ma għamel meta il Papa Stiefnu II għadd li S. Swidborg f'is-sena 752 u il Papa Adrian I għadd, f'is-sena 794, li S. Albanu, l-eūūel ingliż li ċarċar demmu għa't-tūemmin nisrani.

Il chelma "canonizzazjoni" ma bdeūx jużaūha ħlief f'is-seclu għaxra, u l-eūūel ūieħed li daħħalha chien il Papa Ġanni Ħmistax, li, f'is-sena 993, f'is-Sala il Cbira ta' San Ġūann Lateran, daħħal f'il għadd ta'l Kaddisin lil Ulricu, Iskof ta' Aūgsburgu.

Ħaġa curjusa! l-eūūel darba li il "canonizzazjoni" saret b'festa cbira u b'ħafna tleliix ta' cerimonji chienet meta għamlu kaddis li San Frangisc D'Assisi "il poverello" (il fkajjar). Ħaġ'-oħra curjusa fuk dana San Frangisc hi din li kabel, u għadhom sa'l-lum, katt ma għamlu kaddis ħlief meta jgħaddu ħafna snin u xi dakkiet secoli; iżda lilu għamluh kaddis sentejn biss ūara meūtu, billi gie magħdud fi żmien il Papa Ghirgor Disgħa fl-1128; bħal ma ucoll S. Tumas A'Becket gie magħmul kaddis sentejn biss ūara li katluh f'il Catidral ta' Canterbury.

Il Papa Alessandru Tlieta, dac li laħak ūara il Papa Ingliż Breakspeare, żamm għaliħ, għal collox, is-setgħa li jagħmel il kaddisin billi chien beda jsir xi taħūid.

F'dina il ħabta l-antipapa Bascal Tlieta, biex jinħabb, għamel kaddis lil Imperatur Carlumanju; iżda il Cnisja katt ma daħħlitu f'il għadd ta'l Kaddisin, għad li f'il Germanja, fi Franza u f'il Belġju jatuh kima f'xi cnejjes.

Il Papa Sistu Ħamsa ħareġ il costituzzjoni "Immensa aeterni Dei," li biha ħalak il Congregazzjoni ta'r-Riti biex din icollha x taksam u tieħu ħsieb m'il beatificazzjonj u m'il canonizzazjoni ta'l kaddisin. Da'ż-żmien l-Iskfijiet ma jindaħlux f'dina il ħaġa; huma biss jiġbru dac collu li jcun hemm fuk bniedem seūūa biex jista jsir kaddis u jibagħtu collox lil Papa. Jecc dana jara li ħakku u jati collox f'idejn il Congregazzjoni ta'r-Riti biex tcompli tmixxi il biċċa dac il bniedem jibda jissejjaħ "VENERABBLI."

Meta meta ingħidu li Ġūanna D'Arc chienet "*Venerabbli*" għandna nifhmu li meta l-Iskfijiet ta' Franza ġabru dac collu li setgħu biex tcun tista tigi magħduda bħalha kaddisa u bagħtu collox lil Papa, dana ra li hemm għal fejn u gieghel lil Congregazzjoni ta'r-Riti li tmixxi il biċċa il kuddiem. Dina hi mela l-eūūel targa u fiha jinsab illum il Papa Piu Disgħa li nitimgħu ma jdumx ma jsir *Beatu* bħal Ġūanna D'Arc ucoll.

Jiena ġa għedtilcom chif Ġūanna D'Arc giet maħruka għax giet magħduda bħalha saħħara u bħalha ūaħda li tat ruħha li'x-xitan; iżda bosta kalu li malli inħarket m'il ħuġġieġa raū ħierġa ħamiema bajda, u ūara meūtha, ta' kaddisa, bdiet tagħmel xi għeġubijiet, u saħansitra f'il-loc fejn ħarkugħa ftit ūara tellgħulha statūa b'tifchira ta'l għamil kalbieni tagħha. U minn dac iż-żmien, ħames mitt ilu, bdiet iċ-ceccica biex jagħmluha kaddisa.

Xi uħud iridu jgħidu li Ġūanna D'Arc hi taljana billi missierha chien gej m'il famusa familja Ghislieri, (li minnha ħareg il Papa Piu Ħamsa), u li ħarab u mar fi Franza fl-1401; iżda dana għadhom ma ūaslux fih sgur; u ma irridx ninsa ngħidilcom li Voltaire, il cbir għadu ta'l Cnisja, chiteb poema biex żeblaħ b'mod l-actar icreħ lil Ġūanna, billi għaddha bħalha mara l-actar ħażina; poema li Mercier sejjaħlu "delitt contra in-nazzjon franciża;" u li biex ipatti għalih chiteb ūieħed sabiħ ħafna il famus poeta ingliż Southey.

Għad li il Papiet Callistu Tlieta u Piju Tnejn chienu ħabtu jkanklu biex jagħmluha kaddisa, iżda fi żmienna, minn xi tlietin sena il haūn, il kiegħa saħnet seūūa favur tagħha. L'Iskof ta' Orleans, Dupanloup, ġabar dac collu li sata jsib fukha u fuk il miracli li għamlet u meta miet hu compleū fittxu l-Iskfijiet li laħku ūarajh, il Cardinal Coulliè u il Monsinjur Stanislaū Touchet u dan ta'l aħħar għal ħames snin shaħ ħabrec chemm felaħ biex jirnexxi f'ix-xeūka sabiha tiegħu.

Iżda il Cnisja biex tgħolli bniedem għal gieħ ta'l kdusija timxi ħafna b'il mod u b'rekka cbira; u dina ir-rekka saret ūisk acbar f'il biċċa ta' Ġūanna billi inkalgħu xi praspar li gegħluhom għal xi żmien jaktgħu kalbhom u jneħħu il ħsieb li jcomplu jimxu il kuddiem. Barra minn dan il Papa ħaseb dejjem li jecc jagħmel kaddisa lil Ġūanna l-Inghilterra setgħet b'xi mod titħanfes billi chienu, chif għedna, l-Ingliżi li ħarkuha ħajja; u għalhecc katt ma ried jati lil d'il biċċa leūn puliticu bħalha tixūix contra l-Ingliżi.

Għalhecc billi kuddiem il Congregazzjoni ta'r-Riti dejjem jaħtru xi bniedem għaref biex iressak dac collu li jcun inġabar fuk dac li jcunu b'il ħsieb li jagħmlu kaddis, d'iddarba ħatru lil għaref Cardinal Ingliż Howard, u dana m'hux biss laka il ħaġa b'il ferħa iżda kallhom li l-Inghilterra tieħu pjacir cbir jecc tista tgħinhom biex jisseūūa l-isball li ittieħed m'il l-Ingliżi ta'l antic u biex Ġūanna D'Arc tieħu il glorja li tistħokkilha.

U billi ħasbu li dana ma chienx b'iż-zejjed il Cardinali Ingliżi Manning, Newman u Vaughan bagħtu ittri lil Papa biex jitolbuh li jmixxi il kuddiem il Canonizzazjoni ta' Ġūanna u ma daūna bagħtu it-talba tagħhom ħafna Iskfijiet oħra ingliżi ucoll.

Ūara dana collu ħatru lil Patri Captier, Procuratur ta'l Patrijiet Sulpiciani f'Ruma, bħala "Postulatur" igifieri bħalha dac li chellu jitlob u jħakkak ma'l Congregazzjoni ta'r-Riti li Ġūanna D'Arc chellha issir "*Beata*." Dana chien ūieħed m'il patrijiet ingliżi l-actar stmati f'Ruma u l-actar billi hu chien li b'it-tħabric tiegħu, inħolok f'Ruma il "Canadian College," u li dana sar ūara dac, li chellu nisel minn Ina, Sultan ta'l Wessex, f'is-sena 727, u li fih igħidu li chien alluġġatt S. Tumas A'Becket meta chien mar Ruma; u li meta xi studenti ta dana il Culleġġ antic ġarrbu il martirju fl-Inghilterra S. Flippu Neri sellmilhom billi kallhom: "*Salvete flores martyrum*." (Is-sliem għalicom ja fjuri ta'l martri).

*(Jissoctu.)*



## BICE VASSALLO.

Il fula bint il miżùet, ighid il Malti, u gha's-Sinjurina Bice Vassallo, tfajla helùa u fuk taghha ta' disa snin biss, il proverbju ma jistax jokghod ahjar ghaliex hi it-tifla li tix-rak lil missierha, il Prof: Paùlin li hu ùahda m'il glorji ta'l musica taghna.

Il Cav: Dun Lùiġ Barbera D.D., li scond il fehma tieghi u nahseb ta' cull min jafu, hu maghdud bhalha l-ahjar pjanista li ghandna, u li ghalhecc dac li jghid hu jisùa hafna, staghgeb tant b'il hila ta' dina it-tfajla meta semaghha iddokk b'dic il heffa, b'dic ir-rekka, b'dac il-leùn sabih li bdiet tati lil musica u li bih uriet li chienet kieghda thoss u tifhem dac li chien hiereġ minn taht is-sùaba dghajfin taghha, li ma sabx haġ'ohra ahjar biex ifahharha hlief billi kal *"è un piccolo Mozart,"* billi, ghal min ma jafx, Mozart, il cbir compositur ta'l Musica tedesc, chien ghaġġeb l'id-dinja b'id-dakk ta'l pjanu meta chien ghadu ta' ftit snin ucoll. Ghaliex tabilhakk cull min semaghha iddokk hecc tajjeb bċejjeċ ta' Chopin, Mendelsohn. Weber u ohrajn cbar ma chienx jemmen li chienet hi, tfajla ċchejcna fuk banchetta biex tilhak il pjanu, li chienet iddokk bla tùeghir ta' xejn, ghaliex Barbera sgurani li ma fallietx nota u li hafna xebbiet cbar ma chienux idokku bhalha. Chellhom ragùn mela daùc il hafna nies li chien hemm f'il Cuncert taghha li tat is-Sibt, 22 ta' Mejju, f'it-Teatru Manoel, u li chienu il fjur, fjur ta'l pajjis, ihabbtu dac it-tahbit collu idejhom u jghajjtu dac l-ghjat collu ta' *brava* meta raù u semghu x'hila ghandha, bhalha pjanista, iċ-ċchejcna u helùa Bice Vassallo. Pjanisti ta' daùc il ftit snin u ta' dic il hila hecc cbira ftit haùn f'id-dinja u ghalhecc ghandna biex niftahru u biex nifirhu li f'pajjisna kieghed jitbexxak blanzun sabih li jcompli jżejjen ir-ras ta' Malta, omm Isouard u Curmi, b'ùarda ohra ma' daùc il hafna li ġa ghandha u li ma jitbielu katt.

Alla jseddakkha mela u jimliha b'is-sahha u b'il hrara lejn l-istudju, halli taht it-triegija tajba ta' missierha tcompli tghaddi il kuddiem biex la ticber tkattghilna sieghat hienja bhal dic inhar ta' l-eùùel Cuncert taghha u l' nitma li jdum ma jintesa hafna snin.

F'dan il Cuncert dakket tajjeb hafna ucoll il vjolincell is-Sinjurina Teresa Farrugia, li kalghet hafna tifhir billi ftit huma in-nisa li jdokku dac l-istrument tant sabih; u is-Sinjurini Stella Grech Ellul u Rosa Critien u is-Sinjuri G. Cassar, U. Salafia, A. Dimech, S. D'Agostino, G. Dimech, S. Chevalier u G. Maistre ureù il hila taghhom f'id-dakk ta'l cordi u li huma imghallmin tajjeb minn Surmast gùapp bhal ma hu il Professur Vassallo; u l-actar is-Sur Chevalier li meta dakk dac l-*Intermezz* sabih kala l-applaùsi ta' cull minn chien hemm.

Baka insemmi ùiehed, il Professur Vassallo, iżda dana ma ghandux bżonn it-tifhir ta' hadd billi il hila cbira tieghu hi maghrufa sa'l Ahrax ta'l Mellieha. Meta dakk dic il *Gondoliera* tant melodjusa, b'dic il hleùùa u b'dic is-sengha li jaf hu, cull-hadd infexx f'applaùsi li ureù chemm il pubblicu jghożż il hila cbira tiegu. Dic il *Gondoliera* hi b'iż-żejjed biex ismu ma jmut katt. L'Iskof chien hemm ucoll; u il kliegh ta'l Cuncert mar gha's-Sorijiet ta' San Ġużepp ta' Ta's-Sliema li kieghdin f'dic il belt jaghmlu hafna gid.

# Il Melodramm Malti.

## MANUEL BARTOLI.

Tùieled l-Imdina, f'it-13 ta' Frar 1853, minn Luiġi u Censa Zerafa.

Studja il cuntrapunt taht l-imfahhar Patri Spiteri Fremond u katt ma siefer biex jistudja Barra.

L-eùùel biċċa musica li chiteb u li intghoġbot hafna chienet Xena u Arja *"Amore"* li cantatha il primadonna Emilja Ciuti f'it-Teatru taghna f'it-13 ta' Frar 1872, igifieri meta chien ghad ghandu dsatax il sena.

Imbaghad chiteb is-Sinfonija *"Les Braves Combatants"* li indakket ucoll f'it-Teatru taghna f'aùùissu ta'l 1882.

Billi daùna iż-żeùġ xoghlijiet irnexxeùlu hafna cullhadd kaùùielu kalbu biex jicteb xi biċċa acbar, u hu thajjar u fuk librett ta's-Sur Gużè Muscat-Azzopardi chiteb is-"SIMONETTA," dramm storicu f'żeùġ atti, fl-1875.

Fi żmien l-Impriża Zimelli dan il melodramm chellu jintghata f'it-Teatru Manoel, iżda nibtet l-opra ta' barrani, il "MOSCUZZA," u chif dejjem ġara Malta ùarrbu l-opra ta' Bartoli biex ressku ta'l iehor u bakghu jitfghuha l-ura sa spiċċat biex ma saret xejn u katt.

Dina il haġa ùeġġghet tant kalb is-Surmast Bartoli li m'hux biss katt ma raġa fettillu li jicteb melodrammi ohra iżda lankas biss katt ma habrec biex jati dac li chellu lest. U dina hi haġa li tùeġġghilna klubna ghaliex ahna ilcoll nafu li il hila f'il musica ta's-Surmast Bartoli hi cbira u ghalhecc nifhem li chiecu dan il bniedem intelligenti ra ftit ta'l kalb chien jista jicteb hùejjeġ ohra li jaghnu il melodramm taghna.

Is-Surmast Bartoli lahak imbaghad Direttur ta'l Banda ta'r-Rigment Malti, u katta, ghal tlietin sena shah, iż-żmien tieghu biex jaghmel daùc ir-riduzzjonijiet ta'l opri ta' hadd-iehor li huma imfahhrin, u b'ir-ragùn, minn cullhadd; u ghal-hecc ftit hin chien jista jsib biex jokghod johlok il ġdid.

Iżda xi haġa ta' min ighożża hallielna ucoll: Intermezz *"Fausta Ricordanza"* ghal Ġubleù ta'l Iskof ta'l 1902; *"L'Eco della Preghiera,"* coral cbir ghal Banda (1899); żeùġ preludji ghal Banda u is-Sinfonija *"The King's Banner"* (1902) u il melodija *"Remembrance"* (1904) li intghoġbu hafna minn cull min jifhem f'ix-xoghol tajjeb u li ma hux maghmul horrox-borrox.

Chiteb ucoll xi musica sacra, iżda billi is-Surmast Bartoli jhobb jinheba ùisk u il Maltin ftit ihobbu jaghmlu il kalb lil min icun ta' hila baka dejjem f'id-dell igifieri li katt ma sata juri ahjar sa fejn setghet tasal dic il hila cbira f'il musica li hu imżejjen biha u li hadd ma jichadlu fost chemm haùn maltin li jhobbu jisimghu il musica sabiha u li tmiss il kalb.

# GĦA'N-NISA

**Biex tnaddaf il fidda** seŭŭa u iġġibha tlekk ħafna ħoll ftit pajpli fl-ispirtu u ogħroc bih tajjeb. Ma dan tħaffef ħafna ix-xogħol ucoll.

**Biex tnaddaf iċ-ċangaturi ta'l madum** tajjeb bla ma tuża sapun jeŭ soder ħalli ma jiżlokx ħallat ma' ftit ilma chiesaħ ftit tkiek u ogħroc bih u ŭara laħlaħ bl-ilma nadif.

**Biex tŭaħħal cappell f'rasec** u ma jilgħabx b'ir-rieħ għamel hecc: Hu velu kadim u itŭieħ sa iġġibu tŭil xi erba jeŭ ħames t'isŭaba. Egħmżu ma' xagħrec b'furficetta f'cull tarf u għaddi l-isplenguni minn ġo fih u tara chif il cappell iżomm sħiħ tas-seŭ.

**Jecc icolloc xi ħaġa ta'l-landa imsadda** u trid tnaddafha la tokgħodx taħli pasta, iżda xarrab biċċa carta, aħjar xuga, f'il ħall u ogħroc biha u tara chif is-sadid imur bla tbatija ta' xejn.

**Biex tneħħi it-tbajja ta't-te** m'il cutri għamel hecc: hu imgħarfa kadima u ixgħel fiha biċċa gebla ta'l cubrit u kiegħed it-tebgħa fuk id-duħħan li joħroġ bla ma taħrakha u it-tebgħa tmur malajr bla ħasil xejn.

**Katt tfarfar tapit ta'l art** bejn idejc għa'x m'hux b'iż-żejjed. Hudu f'il bitħa, tih xebgħa bastun u farfru bi xcupilja jiebsa jeŭ bi xcupa nadifa u tara chif jigi donnu ġdid.

**Jecc meta tixrob il ħalib** iŭeġġagħlec l-istoncu jcun gej għaliex tixorbu imgħaġġel u għalhecc jagħkad bħal ġbejna fuk l-istoncu u ma jcunx jista jgħaddi. Ixrob il ħalib ftit ftit u dejjem ħallih daŭc il ftit minuti f'ħalkec, u strieħ bejn belgħa u oħra u tara chif m'hux biss ma jŭeġġagħlecx l-istoncu iżda jagħmillec ħafna gid.

**Meta tixtri il bacon** okgħod attenta li il koxra tcun irkieka, id-dgħif artab u marsus m'al għadma, il grass ŭiekaf u jati f'ir-rosa. Jecc f'il grass tara bħal singhi sofor il bacon icollu togħma ħażina ta' trangit.

**Biex xcupa ta'l lanżit** isservic ħafna u ticnes aħjar, darba f'il gimgħa għalli ftit bcejjeċ ta's-sapun fl-ilma u għaddas il-lanżit tagħha fih għaliex dana isaħħu ħafna. Kis li l-ilma jcun sħun seŭŭa. Meta il-lanżit icun niexef ŭisk ma jicnesx tajjeb.

**Meta trid tchessaħ il-laħam** jeŭ perżuta katt toħrogħa m'il brodu, jeŭ m'il ilma tagħha iżda ħalliha ticsaħ b'collox u tara chif it-togħma tcun ŭisk aħjar. Il-laħam b'hecc ma jsirx donnu sufra.

**It-tazzi ta'l ħalib** taħsilhom katt bl-ilma sħun iżda chiesaħ għa'x iħallu bħal sħaba bajda li tħabbtec ħafna biex tneħħiha. Meta jcolloc tazza ġdida u tcuu sejra iżżanżanha aħsilha ucoll fl-ilma chiesaħ għaliex tindaf aħjar.

**Meta jinkalagħlec il mancu ta's-sicchina** u trid tŭaħħlu għamel hecc: ħu ftit gir virġni u daksu raża imfarrca; imla b'dana it-trab il ħofra ta'l mancu sa nofsha; icŭi il pern ta'x-xafra li jrid jidħol ġo'l mancu u meta jcun sħun seŭŭa daħħlu f'postu u ħallieh hemm bla ma iċċakilku sa jibred seŭŭa u tara chif ma takilgħux addoċċ.

LUCIJA LEVANZIN INGLOTT.

# ĠUNJU.

Hu ix-xaħar ta'd-dris u fih is-sħana bejjienija (media) tcun 23·2 C. Fih traħħas (tarmi il friegħi ġodda) in-naspli, tiżgħar (tarmi iż-żahar) il ħleŭŭa, il merdkux, il għanbakar, iż-żinżli, ir-rummien u ir-riġnu; issir l-amarena, iċ-cirasa, il kamħ, il bitravi, il bajtar ta' S. Ġŭann, it-tut, id-dollieġħ, il-anġas, il ħleŭŭa u il figel.

F'ir-raba bagħli jitħaŭŭel il pastard kalb il koton u il bħajra, jitnakka u jirmonda il koton, jinħasad u jindires il kamħ, jinkalgħu l-irjus ta'l basal u il patata. F'ir-raba sakŭi u f'il ġonna jinżara it-tut, iċ-ċaŭsli u il currat, jindakar it-tin, jinżabru, jitlakkmu u jissakkeŭ l-agrumi, u jinġabru il fosdok ta'd-dud ta'l ħarir u il buttuni ta'l cappar.

Il proverbji ta' dana ix-xahar huma.—

"Meta jidħol Ġunju tkallebx l-art b'il moħriet,
Biex il grass tagħha ix-xemx ma teħoduliex."

u

"Tidresx fl-eħtriek.
Biex it-tiben ma jinħeliex."

Dana hu ix-xahar ta' S. Ġŭann, ta'l ħgejjeġ, ta't-trajbu u li fih l-antichi xebbiet tagħna chienu ideŭŭbu iċ-ċomb biex jaraŭ xortihom. Hu ucoll ix-xaħar ta'l Imnarja meta chienet tmur il Buschett Malta bi ħġarha, għaliex hecc chienu jifteħmu f'il chitba ta'ż-żŭieġ u li min jaf chemm il firda saret għa'x ir-ragel ma ħadhiex.

★

# STORJA TA'L PAPIET.

XVII.*

## S. CALLISTU I.

**Saltan għal ħames snin, xahrejn u għaxar t-ijiem. Laħak f'is-sena 221 u miet f'is-sena 227.**

Ruman, m'il familja imsemmija ta'd-Domizji u bin Domizju. Sar fi żmien l-Imperatur chiefer u faħxi Eliogabalu. Kabel chien Vigarju ta' S. Zefirinu. Hu chien li ma riedx iż-żŭieġ ta'l kassisin u bejn il kraba u li ried is-saŭm f'il Qŭattru Tempra. Għamel f'it-triek Appia iċ-Cimiterju li fih indifnu ħafna papiet u martri. F'it-Trastevere, f'is-sena 224, bena oratorju fejn dehret żennuna ta'ż-żejt għal ġurnata sħiħa, dic inhar li tŭieled Cristu seŭŭa. Dac chien ŭicħed m'il-leŭŭel lochijiet fejn l-insara bdeŭ jatu kima kuddiem cull-ħadd, u li ŭara gie imseŭŭi u imcabbar minn ħafna papiet. Ŭara li ġarrab il ħabs, il ctajjen u is-sŭat tefgħuh minn tieka għal ġo bir fejn miet martri għa't-tŭemmin nisrani. Difnuh f'iċ-Cimiterju ta't-triek Aŭrelja u ŭara ħadu għadmu f'il cnisja li bena hu stess. F'il ctieb "*Philosophumena*" hemm ħafna klajja contra tiegħu; iżda dan chien bniedem kaddis, ta' kalb tajba u li ħadem bi ħrara cbira għa't-tŭemmin nisrani. Cheċċa minn Ruma l-ereticu Sabellju. Tħabat ħafna biex ma jħallix maħkura lil l-irsiera. Faħħruh id-De Rossi, il Begin, id-Dollinger u saħansitra San Ġlormu.

* *Billi fl-Istamperija kabżuli il ħajja ta' dana il Papa u intbaħt biss issa sejjer ingibha illum biex ma infarradhomx.*

# CRONOLOGIJA TA' MALTA.

ĠUNJU

7—1824. Laħak Gvernatur ta' Malta Hastings.
8—1605. Beda jinbena il Forti ta'l Imġarr f'Għaŭdex.
9—1837. Deħret il Corla il Cbira.
10—1798. Niżlu fl-art il Franciżi u il Gran Mastru Hompesh erħielhom il Gżejjer f'idejhom.
11—1636. Laħak Gran Mastru Ġann-Paŭl Lascaris.
12—1798. Il Franciżi ħadu pusses ta' Malta.
13—1798. Napuljun Bonaparti daħal il Belt.

# IS-SAHHAR FALZUN.

Daŭna ŭieġbuh li chienu ħejjeŭ collox chif xtak hu u li il faldrappa ta'l bellus chienu ħaduha ġa il Catidral biex igħattu il kabar biha meta jidfnu lil Ħachem.

F'il ħin daħlu ħbiebu Ġannicol u Ġużepp ta' Luka li geŭ biex jaccumpanjaŭ, biex ifarrġu lil Ambroġ ftit u biex jaraŭ jecc chienux jistgħu jisŭeulu xi haġa f'dic it-taħbila cbira li chien jinsab fiha. Ambroġ għafsilhom idejhom kaŭŭi ġo tiegħu biex ifehimhom li hu chien jorbot ħafna fuk il ħbiberija tagħhom u minn taħt ilsien tarrfilhom li ma' raxx id-dlamm, ŭara li jcunu ħadu lil missieru, xtak jarahom riecba ħalli jmorru jfittxu l-oħtu Carmena u biex forsi ma tafx chif jiltakgħu ucoll ma'l Cavalier.

Ġannicol u Ġużepp fehmuh malajr x'ried minnhom u kalulu li x'ħin xtakhom icunu miegħu għal cull ma jinħtieġ.

F'il ħin daħal Patri Damjan u għalhecc kalbu malajr il cliem. Dan kal lil Ambroġ li l-ajru chien kiegħed igħabbi ġmielu u li ŭisk chien jibża li sejrin jinfethu bŭieb is-sema u għalhecc dac li chellhom jirgħnu aħjar ibiegħuh. Iżda Ambroġ kallu li il Ħachem u ħafna nies cbar oħra li bagħtu jgħidu li chellhom jaccumpanjaŭ chien għadhom ma dehrux u għalhecc chien aħjar li ŭieħed jistenna ftit ieħor.

Billi chif ġa għidna l-Iskof Fra Martin Royas chien jinsab Ruma fuk it-taħŭid li inkala bejnu u bejn il Gran Mastru La Cassiere, gie jaccumpanja f'locu il Vigarju tiegħu li chif għidna kabel chien il għaref Dun Anton BARTOLO.

Gie ucoll il Canoncu ta'l Catidral, Dun Nard ABELA, li chien miġjub ħafna għal għerfu u għal tjubitu u li ŭara laħak Vigarju ucoll ta'l Iskof. Dana chien illaŭrjat f'il Ligi, Patrizju Ruman u fl-1582 gie maħtur m'il Papa Ghirghor Tlittax bħalha Iskof ta' Sidonja u fl-1583 gie m'il istess Papa mibgħut bħalha Nunzju Apostolicu fi Lvant. Meta gie l-ura laħak vici-gerent ta'l Vigarju ta'l Papa f'Ruma, u meta miet hemm, f'it-12 ta' Mejju 1605, ta' 64 sena, difnuh f'San Ġŭann Lateran. Chien jaf fuk ponot subgħajh ħafna ilsna xemin u ħalla mictuba bosta cotba sbiħ. Dana chien midħla seŭŭa ta'l familja Falzun u lil Dun Matt chien iħobbu ŭisk billi chienu jmorru, żgħar, l-iscola flimchien; u għalhecc għela bla tarf għa't-telfa ta'l Ħachem u għa'ż-żelka ta' Carmena li chien għammidha hu stess.

Gie ucoll il Gran-Priur ta'l Ordni, Anton CRESSINO, grieg, u miegħu daħal Ġorġ GIAMPIERI malti, li fl-1592 laħak hu ucoll f'il post għoli ta' Gran Priur ŭara l-iskalli Alfonsu De Dominicis. Dic il ħabta chien għadu monsinjur u chien miġjub ħafna m'il Gran Mastri sa' meutu fl-1601.

Daħlu ftit ħin ŭara il Monsinjur Dun Ġużepp MANDUCA li chien Canoncu ta'l Catidral u ŭara laħak Vigarju ta'l Iskof għal għerfu; u Dun Bartilmeŭ BONAVIA, laŭrjat f'il Ligi, li chien laħak Vigarju Capitolari u Decan ta'l Catidral. Dana chien mibgħut m'il Università għand is-Sultan ta' Spanja, Carlu Ħamsa, biex il benefizzji ta' Malta jintgħataŭ lil Maltin biss, ħaġa li kala ftit snin ŭara; chien maħtur ucoll Vigarju ta'l Iskof Royas u miet fl-1591.

Geŭ ucoll Monsinjur Pancrazju MICALLEF, li minn Cappillan ta'l Gudja chien laħak darbtejn Vigarju ta'l Iskof, Assessur ta'l Curja u fl-aħħar Arcidjacnu ta'l Catidral u li miet f'Aŭŭissu ta'l 1578; u Dun Marju MALLIA, li chien għadu żagħżuħ f'dic il ħabta iżda chien ġa beda juri x'għad isarraf billi sar Duttur ta't-Teologija, darbtejn Vigarju ta'l Iskof, Eżaminatur u Imħallef Sinodali u Consultur ta'l Inghiżitur u cullħadd chien ikimu għal għerfu sa miet fl-1635. Dan beda bħalha Cappillan ta'l Parroċċa ta' Birmiftuħ li f'dac iż-żmien chienet l-Omm ta' ħafna parroċċi oħra.

Monsinjur Dun Pier-Frangiscu PONTREMOLI, li chien laħak Duttur ta't-Teologija, Canoncu ta'l Catidral, Eżaminatur Sinodali għal darbtejn, Vigarju Generali ta'l Iskof, Cunsultur u Assessur ta'l Inghiżitur u Pro-Inghiżitur ucoll, f'il meŭt ta'l Ħachem chien għadu abbati bill. gie jżomm l-accoltu u miet fl-1634 ta' sitta u sittin sena.

Gie ucoll Dun Flipp BORG. Duttur f'il Ligi u f'it-Teologija, u li laħak Protonotarju Apostolicu, Eżaminatur u Imħallef Sinodali u għal darbtejn għamilha ta' Inghiżitur; barra milli laħak ucoll Vigarju Generali ta'l Iskfijiet Gargallo u Cagliares, Consultur ta's-Santu Uffiċċju u chien miġjub ħafna m'il Gran Mastri Alofju Wignacourt u De Paula għal cbir għerfu u għal tjubitu. Chien laħak ucoll Decan ta'l Catidral iżda telak fl-1609 biex ħalak il Colleġjata ta' Birchircara u għalhecc hu chien l-eŭŭel Propostu; u hu chien li bena ucoll il cnisja il kadima ta' hemm, u miet f'ottubru ta'l 1649.

Il Patri capuċċin RAFEL (CAMILLERI), li dic il ħabta inzerta chien haŭn biex jara lil niesu, ma nedx jonkos ucoll. Dana chien ŭieħed m'il aħjar teologi ta' dac iż-żmien u kdusitu chienet imfaħħra minn cullħadd. Laħak Provinċjal ta' Serkusa u dam tlietin sena Definitur u Viżitatur General fejn miet fl-1628. Dana chien li ħajjar lil Ġran Mastru Verdala biex igib il Capuċċini f'Malta u ippriedca chemm il darba f'S. Ġŭann u hu ħalak il "Monti ta'l Fidŭa ta'l Irsiera."

Daħlu ucoll flimchien Fra Frangisc CONDULLI, malti, Duttur ta'l Ligi u kassis ta'l Ordni li chien imfaħħar ħafna billi chien Caneellier ta'l Gran Mastru u li baka maħbub sa meŭtu fl-1597; u Fra Ġŭann MIRITI, malti ucoll, kassis u Commendatur ta'l Ordni. Dana chien għaref ħafna f'il Geografija, li dac iż-żmien chienet għadha titŭieled u li fukha ħareġ ctieb li faħħruh ħafna għal dac iż-żmien.

*(Jissocta.)*

## Lil L-Imsiehbin.

Daŭna ħallsu sa'n-numru 39.

723 Gatt Gius: - Bormla sa'l 26; 724 Pio Attard - Calcara; 725 C. Grima - Mosta; 726 Ġorġ Perisso - Birgu; 727 Alf: Grima - Birgu; 728 Signa. M. C. Xuereb - Bormla sa't-52; 729 Ġorġ Xerri - Ħal Kormi; 730 Giov: Mizzi - Ħal Kormi; 731 L. Muscat - Ħa'ż-Żebbuġ; 732 G. Micallef - Ħal-Lija; 733 Casino S. Paolo - Rabat sa't-52; 734 Gius: Portelli - Rabat sa't-52; 735 Sigra: Carmela Stevens - B'Cara; 736 Ġorġ Sacco - B'Cara; 737 Cunvent ta'l Capuccini - Għaŭdex sa's-26.

★

## IL PREMJI

ta'l ħlas ta' dana ix-xahar ħaduhom:— 1. Salv: Camilleri - Tripli. 2. Ugo Abela Hyzler - Il Cajr. 3. Paolo Debono - Rabat. 4. Grabiel Fiorini - Bormla. 5. Art: Montanaro - Il Belt. 6. Carm. Sant - Ħal Għargħur.

Għand il Fotografu Vella għandhom "Maħbub ta' Gesù" cull ŭieħed.

## L'ISTITUT TA'S-SUR BORG

*188, & 189, Strada Due Porte, l'Isla.*

Dan l'Istitut li gie imŭakkaf fl'1888 jinsab f'ŭieħed m'il ħjar postijiet ta l'Isla u għandu il comoditajjiet collha. Jinsab iffreqŭentat minn Fizzjali Navali u Militari, u m'il aħjar tfal ta't-3 Ibliet u oħrajn li jokogħdu f'postijiet actar f'il bogħod.

Jintgħata cors regolari ta'l-lingŭa Ingliża, Taljana, Francisa u Latina, ta' l-Aritmetica, Algebra, Geometrija, Mensurazjoni, ta'l Cummerċ, Storja, Calligrafija u Religjon.

Min irid jixtri linca ta'l istampa, seŭda jeŭ ta'l culur, ta' Lorilleux, b'irħis; u min irid jixtri torchju sabiħ ħafna bi prezz ħelu, jicteb jeŭ jitchellem ma'd-Direttur ta'n-"Naħla" u jiftiehem sgur.

In-neguzjant u ħajjat Giovanni Valenzia ta' Bormla għadu chemm ircieva assortiment cbir ta' casimiri, flanelli, alpaca u ta' drappijiet oħra m'il aħjar; u javża li jagħmel ilbiesi minn lira u tnax il xelin il fuk. Min irid jixtri id-drapp biss ibegħlu ucoll. Collox irħis u iggarantit.

Min hu marid bl-Anemija (ŧakar ta'd-demm) u jrid ifiek f'għoxrin gurnata jieħu



**L'ELIXIR**

**TA' S. VINCENS DE PAOLI**

Is-Sur G. Muscat ŭara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaŭŭi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaŭŭija. Daŭna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaŭħ ŧukħom stess jeŭ fuk xi ħadd ieħor u ħargu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr: Paolo Sammut (Sliema); Prof Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbiħ fl-ispiżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**

Ippruvaŭħ gid jagħmli.com sgur.

Tridu tpejjpu sigarretti m'il aħjar u m'il orħos?

Ixtru is-sigarretti "Special" ta' Alfredo Caruana ta' Ta's-Sliema li jimbihu f'il ħŭienet principali.

F'daŭna is-sigarretti hemm l-armi ta'l cunjomijiet.

Min irid jiecol tajjeb, b'irħis u f'post pulit u f'il kabda jmur f'il Colonial Buffett fejn chien armat kabel is-Sur Gingell u sgur li ma jibdielux.

Tridu tinkdeŭ b'Dentista tajjeb għal kligħ u għa'x-xogħol? Morru għand is-Sur Alfons Urso, kuddiem il Għajn ta'l Pjazza ta' Raħal Gdid u ma jibdielcomx.

Għand is-Sur Guże Mallia, ta' Strada Santa Lucija, 47 il Belt jinsab għal bejħ imbit m'il aħjar bi prezz li jakbel għal cullħadd. Ta'l kuddiesa jimbiegħ xelin u disa soldi il qŭarta u l-ieħor xelin u nofs.

Min irid jitgħallem ifassal seŭŭa ilbiesi ta'l-irgiel u ta'n-nisa jmur għand il Professur Vincenzo Grech, Strada Alessandro, No 5 (fuk Putirjal) il Belt, li tgħallem fl-Accademji ta' Londra, ta' Parigi, u ta' Torin.

## GHA'N = NERVUSI!

Meta thossoc għajjien, kalbec seŭda, nifsec maktuħ, bla rkad u bla aptit, tisħon għal xejn; meta tara collox icreħ, cullħadd joboghdoc, collox imgħaŭŭeġ f'il ħajja = tibchi jeŭ tidħak għal xejn b'xejn icolloc dic il marda li jsejħula

**NEVRASTENIJA**

u jecc tasseŭ hemm medicina li tista tfejjakha jeŭ tagħmillec ħafna gid hi

**L-ANTINEVROTICU**

TA'L

**PROF: DE GIOVANNI**

li chiteb l-isbaħ opra fuk dina il marda, u li giet imfaħħra ħafna m'il l-aħjar tobba ta'l Italja. Timbieħ fi fliexchen għand

**l-Ispizzjar ALFREDO CUMBO**

ta' kuddiem il Club ta' Strada Rjali ta'l Belt.

Ippruvauha! gid tista tagħmel biss.

Min irid jixtri

# CAUCAU

m'il aħjar, bla taħlit, bla grass u li għandu fama tajba f'Malta ta' tlietin sena, ifittex il marca tant imfaħħra

# BENSDORP

għand il magħrufa minn cullħadd

## C. CAMILLERI & SONS

50-51, STRADA MERCANTI — IL BELT.

U MA JIBDIELUX.


**In-"Nahla" tistampa ruhha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien fi Strada Magazzini, Nru. 8, il Furjana fejn isir ucoll cull xorta ta' xoghol ta' stampa b'ir-rekka collha u bi prezzijiet irhas ferm.**